



Brussell, 5 ta' Novembru 2024
(OR. en)

14693/24
ADD 1

Fajl Interistituzzjonal:
2024/0257(NLE)

TRANS 440
COWEB 159
ELARG 140

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Abbozz DEĊIJONI TAL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA REĠJONALI TALKOMUNITÀ TAT-TRASPORT dwar I-emenda tal-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 2019/3 tal-Kumitat tat-Tmexxija Regjonalni tal-Komunità tat-Trasport tal-5 ta' Ġunju 2019

ABBOZZ

**DEĊIJONI Nru .../2024
TAL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA REĠJONALI
TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT**

ta' ...

**dwar l-emenda tal-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 2019/3
tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport tal-5 ta' Ġunju 2019**

IL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport u, b'mod partikolari l-Artikolu 24(1) u l-Artikolu 30 tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Uniku

Fl-Anness II (Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Trasport) għad-Deċiżjoni Nru 2019/3 tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport tal-5 ta' Ġunju 2019, it-Taqsima 10.4 tinbidel b'dan li ġej:

“10.4 Liv tal-maternitā

- (a) Mal-preżentazzjoni ta' ċertifikat mediku, in-nisa tqal għandhom ikunu intitolati għal 20 ġimħa ta' liv tal-maternitā b'paga sħiħa. Il-liv ma għandux jibda qabel 6 ġimħat mid-data mistennija tal-ħlas murija fuq iċ-ċertifikat, u jintemm mhux qabel 14-il ġimħa wara d-data tal-ħlas. Fil-każ ta' ċesarja, twelid multiplu jew qabel iż-żmien, jew twelid ta' tarbija b'diżabilità jew b'marda serja, iż-żmien għandu jkun 24 ġimħa. Twelid qabel iż-żmien, għall-iskopijiet ta' din id-dispożizzjoni, huwa twelid li jseħħ qabel it-tmiem tal-34 ġimħa tat-tqala. F'każijiet ta' periklu serju għall-omm jew għall-wild, il-liv tal-maternitā jiista' jibda qabel, wara l-preżentazzjoni ta' ċertifikat mediku li jirrakkomanda li liv tal-maternitā jibda qabel. Fil-każijiet kollha, il-liv tal-maternitā għandu jibda mhux aktar tard mid-data reali tal-ħlas.
- (b) L-intitolament għal-liv tal-maternitā jinżamm kollu kemm hu jekk it-tarbija tmut mat-twelid jew ffit wara.

- (c) Il-liv annwali jista' jittieħed minnufih, mingħajr interruzzjoni, wara l-liv tal-maternità.
- (d) Il-membru tal-persunal tista' tidħol lura x-xogħol wara tmiem il-liv tal-maternità tagħha, dment li tippreżenta ċertifikat mediku li juri li hi b'saħħitha bizzżejjed biex twettaq il-kompli tagħha.”

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kumitat tat-Tmexxija Regionali
Il-President*